**TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI**

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 47/97Gozo

Francis Sultana

vs

Direttur Generali tax-Xogholjiet Pubblici u ghal kwalunkwe nteress li jista' jkollu il-Ministru responsabbli tax-Xogholijiet u Kostruzzjoni u l-Onorevoli Prim Ministru u d-Direttur tax-Xoghol li gie kjamat fir-rikors b'digriet tad-19 ta' Novembru 1998

Illum 26 ta' Gunju, 2001.

**RIKORS:**

It-Tribunal,

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi huwa kien impressed driver mad-Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici, liema kuntratt kien gie terminat fl-10 ta’ Marzu 1988 u minfloku gie kkuntrattjat haddiehor ta’ kulur politiku differenti ben vist mill-Amministrazzjoni l-ohra.

Illi t-terminazzjoni tal-istess kuntratt tieghu ghalhekk ma sehhietx minhabba l-fatt li ma kienx hemm bzonn is-servizzi tal-vettura tieghu imma bl-iskop uniku sabiex jiddahhal haddiehor impressed, kif fil-fatt hekk gara u gie kkuntrattjat certu Victor Bajada.

Illi l-ghixien tar-rikorrenti kien jiddependi minn hemm u ghalhekk ukoll ir-rikorrenti Francis Sultana sofra ingustizzja kbira.

Ghaldaqstant ir-rikorrent fil-waqt li irriserva li jgib il-provi kollha ammissibbli skond il-ligi fit-trattazzjoni ta’ dan ir-rikors, talab lil dan it-Tribunal joghgbu jisma’ u jiddeciedi dwar dan l-ilment tieghu skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta’ Ingustizzji billi jilqa’ t-talba tieghu fis-sens li jigi dikjarat li sofra ingustizzja u konsegwentement jinghata rimedju skond il-ligi, kif l-istess Tribunal jidhirlu opportun xieraq u gust u dana taht dawk il-provedimenti u mizuri u modolitajiet li joghgbu l-istess Tribunal jipprefiggi.  Bl-ispejjez kontra l-istess intimati nomine.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent flimkien mad-dokumenti annessi.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tad-Direttur Generali tax-Xogholijiet u tal-Ministru tax-Xogholijiet Pubblici u Kostruzzjoni u ta' l-Onorevoli Prim Ministru li eccepew:

Illi d-Dipartiment intimat ma jippossjedix file personali ta' xufiera impressed inkluz dak tar-rikorrent minhabba li dawn ma humiex ikkonsidrati mpjegati permanenti fis-settur pubbliku.

Illi x-xufiera impressed huma klassifikati bhala self employed u fil-fatt huma jhallsu kontribuzzjonijiet socjali tat-tieni klassi.

Illi din il-klassi ta' haddiema jigu ngaggati billi ssir talba lill-Labour Office mid-Dipartiment sabiex jintbaghtu numru ta' vetturi ta' tipi partikolari u sussegwentment jigi mibghut in-numru rikjest ta' vetturi. Dawn il-vetturi jigu ngaggati fuq bazi kazwali u bil-kundizzjoni specifika li l-kuntratt jigi mgedded kull tliet xhur.

Il-vettura kienet giet ingaggata fuq dawn il-kundizzjonijiet u ghaldaqstant is-servizzi tal-vettura tieghu gew terminati skond l-istess kundizzjonijiet.

Ghaldaqstant l-intimati talbu lit-Tribunal jichad l-ilment imqanqal mir-rikorrent stante li m'ghandu ebda bazi kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt abbazi ta' l-Att VIII ta' 1997.

Ra l-elenku tax-xhieda ta' l-intimat.

Ra r-risposta tad-Direttur tax-Xoghol kjamat in kawza li eccepixxa:

Illi l-kjamat in kawza mhuwiex il-legittimu kontradittur ghar-rikors billi huwa ma kienx inkarigat mit-terminazzjoni jew mit-tigdid tal-kuntratt tal-vettura impressed.

Illi di piu' t-talba li issa qed tigi rivolta kontra l-esponent hija fuori termine fit-termini ta' l-Att VIII ta' l-1997 billi l-ilmenti kellhom jitressqu fi zmien sitt xhur.

Illi vetturi impressed huma mikrija ghal perijodu ta' tlett xhur li jiggedded.

Ir-responsabilita' ghat-tigdid jew terminazzjoni tal-kuntratt tal-kiri huwa tad-Dipartiment li mieghu il-vettura tkun mikrija.

Sid il-vettura hu mistenni li jsuq il-vettura hu stess. L-ingagg ta' sidien godda bil-vetturi taghhom fuq din is-sistema twaqqaf fl-

1995; izda dawk is-sidien li kellhom vetturi gia mikrija inzammu jahdmu bil-vetturi taghhom.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Ra l-elenku tax-xhieda tal-kjamat in kawza.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**

Illi dwar l-eccezzjoni tal-kjamat in kawza Direttur tax-Xoghol li t-talba li issa qed tigi rivolta kontra tieghu hija fuori termine fit-termini ta' l-Att VIII ta' l-1997 billi l-ilmenti kellhom jitressqu fi zmien sitt xhur, it-Tribunal jaghmel referenza ghal dak li intqal fis-sentenza tal-kawza fl-ismijiet "Victor Caruana vs Dipartiment tax-Xogholijiet et" deciza mit-Tribunal fl-1 ta' Novembru, 2000, it-Tribunal qal:

"Il-kjamat in kawza sostna li n-nuqqas tar-rikorrent li jintavola ilment fil-konfront taghha fiz-zmien preskritt mill-

ligi ma jistax u ma ghandux jigi sanat permezz ta kjamata in kawza wara li ghalaq l-istess zmien. Tagha l-ezempju dwar proceduri normali quddiem il-Qrati Civili, jekk attur jezercita l-azzjoni redibitorja kontra konvenut fiz-zmien perentorju ta' sitt xhur stabbilit mil-ligi u ferm wara l-gheluq tas-sitt xhur jidhirlu illi l-venditur ma kienx il-konvenut izda terza persuna jew li l-konvenut ma kienx l-uniku venditur izda kien hemm ukoll terza persuna ohra ma jistax b'success, jikkjama in kawza tali terza persuna wara d-dekors tas-sitt xhur ghax il-perjodu perentorju jkun skada.

1. L-Att VIII ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji, dahal fis-sehh fit-2 ta' Gunju 1997 permezz ta' Avviz Legali 63 ta' l-1997….

L-artikolu 9 ta' l-Att VIII tal-1997 jghid:
"M'ghandux jigi accetta ilment taht dan l-Att jekk l-ilment isir wara li jghaddu sitt xhur mid-data tal-bidu fis-sehh ta' dan l-Att." Skond l-artikolu 7 (1) ta' l-Att "L-ilmenti quddiem it-Tribunal jitressqu permezz ta' rikors…". L-artikolu 1 jsemmi li "l-Att ghandu jidhol fis-sehh f'dik id-data li l-Prim Ministru jista' jistabbilixxi b'avviz fil-Gazzetta tal-Gvern". Permezz ta' l-Avviz Legali 63 tal-1997 "il-Prim Ministru stabbilixxa t-2 ta' Gunju, 1997 bhala d-data meta d-disposizzjonijiet kollha ta' l-imsemmi Att ghandhom jidhlu fis-sehh." Dan kollu jwassal li kull minn kellu xi ilment xi jressaq taht il-provvedimenti ta' l-Att VIII tal-1997 kellu

jipprezenta r-rikors tieghu sa sitt xhur wara l-bidu fis-sehh ta' l-imsemmi Att u cioe' sat-2 ta' Dicembru, 1997."

Issa kien fid-19 ta' Novembru, 1998 li r-rikorrenti talab il-kjamata fil-kawza. Li kieku l-kjamat in kawza ma issollevax din l-eccezzjoni it-Tribunal kien jipprocedi biex jezamina it-talbiet tal-attrici, izda f'dan il-kaz, il-kjamat fil-kawza issolleva din l-eccezzjoni li fil-fehma tat-Tribunal hi gustifikata ghax l-istess kjamat gie kjamata tardivament. Wiehed jista' jqis li ttiehdu passi kontra l-kjamat fil-kawza fid-19 ta' Novembru, 1998 li jekwivali li fil-konfront tal-imsemmi kjamat ir-rikors kien qisu prezentat f'dik id-data li tmur kontra l-artikoli tal-ligi fuq citati.

Jinghad pero' li l-eccezzjoni hija valida biss fil-konfront tal-kjamat fil-kawza, u mhux fil-kaz ta' l-intimati l-ohra.

Ghal dawn il-motivi jilqa' it-tieni eccezzjoni tal-kjamat fil-kawza u jilliberh.

Ir-rikorrent ikkonferma l-kontenut tar-rikors. Semma li darba minnhom s-Sur Victor Scicluna il-foreman tal-Public Works Department qallu li kien hemm xi hadd iehor minfloku. Is-Sur Scicluna ma tah l-ebda raguni ghalfejn ma kellux imur ghax-xoghol l-ghada u ghalfejn kien ser idahhlu lil xi hadd iehor minfloku. Sostna li hu laburist mentri dak li dahal minfloku Victor Bajada hu Nazzjonalist. Ma ftakarx id-data ezatt meta gie

terminat ix-xoghol tieghu. Kien fadallu xi jumejn biex jispiccalu l-kuntratt. Victor Bajada dahal mill-ghada jahdem minfloku.

Anton Hili rapprezentant tad-Direttur tax-Xoghol, semma li dak iz-zmien kien irceva ittra minghand Joe Azzopardi li kien l-ufficjal inkarigat mill-amministrazzjoni f'Ghawdex, mad-Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici, fejn dan kien gharrafu li l-impressment tal-vettura tar-rikorrent gie terminat u minfloku d-dipartiment kien qed jitlob xi van. Minflokk ir-rikorrent kien dahal certu wiehed Bajada.

Xehed Victor Bajada li semma li ghandu vettura impressed mad-Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici u ilu hekk ghaxar snin. Qal li bejn wiehed u iehor dahal bil-vettura impressed xi erba' snin wara l-elezzjoni tal-1987. Lir-rikorrent jafu u huwa kellu vettura impressed bhalu, ma' l-istess dipartiment u kien jaghmel l-istess xoghol li jaghmel hu illum. Semma dwar ir-rikorrent li kien ilu xi ftit li spicca.

Anton Zammit responsabli mill-Labour Office gewwa Ghawdex xehed li Victor Bajada dahal bil-vettura impressed fid-29 ta' Marzu 1988. L-ewwel vettura li sab irregistratha minn Victor Bajada kien truck tipper D6121.

Vincent Piccinino xehed li l-Onor. Prim Ministru mhuwiex il-legittimu kontradittur ghar-rikors odjern fis-sens li l-Prim

Ministru ma jidholx fil-kwistjonijiet ta' kuntratti ta' impressement ghaliex dawn jaqghu taht l-amministrazzjoni ta' kuljum tad-dipartiment koncernat.

Victor Scicluna officer-in-charge fil-Public Works f'Ghawdex xehed li ghal habta tal-hdax, il-hdax u nofs tal-10 ta' Marzu 1988 fittex lil Francis Sultana ir-rikorrent fuq ix-xoghol, u ma sabux. Kien mar ma haddiehor, ghal habta tas-siegha u nofs jew is-saghtejn ta' l-istess gurnata u kienu aggredewh. Sostna li kull ma kien qal lil Francis Sultana li huwa kien sospiz imma cahad li qallu li se jkun hemm xi hadd iehor, minfloku ghall-ghada fuq il-post tax-xoghol. Wara dan l-incident Victor Bajada kien dahal jahdem maghhom. Qal li s-sospensjoni tas-Sur Sultana kienet biss ghal din il-gurnata, tal-10 ta' Marzu. Semma li kien il-Foreman tas-Sur Sultana u personalment ma kienx talab li jigi sostitwit is-Sur Sultana. Victor Bajada kien hu li dahal minflok is-Sur Sultana. Ma kienx ha passi dixxiplinari fil-konfront tar-rikorrent u anqas ha passi biex il-kuntratt tat-tlett xhur li kellu r-rikorrent jigi terminat.

**KONKLUZZJONIJIET:**

Illi ghalhekk irrizulta li r-rikorrent kien jahdem bit-truck impressed mad-Dipartiment tax-Xogholijiet meta fl-1988 il-kuntratt ma regghax gie imgedded, u dan meta l-Gvern, u precizament id-Dipartiment tax-Xogholijiet f'Ghawdex kellu bzonn ta' dan is-servizz. Kien ghalhekk li minflokk ir-rikorrent gie impjegat persuna ohra u dan fi zmien qasir hafna. Issemma

incident li r-rikorrent kellu ma' Victor Scicluna officer-in-charge fil-Public Works f'Ghawdex izda dan xehed li hu kien biss issospenda lir-rikorrent ghal dik il-gurnata, tal-10 ta' Marzu. Ma kienx talab li jigi sostitwit, u ma hax passi dixxiplinari fil-konfront tar-rikorrent u anqas ha passi biex il-kuntratt tat-tlett xhur li kellu r-rikorrent jigi terminat. Dan jammonta ghall-ingustizzja kif definita fit-termini tal-Att VIII tal-1997 u ghahekk tichad l-eccezzjoni tal-intimat Direttur tax-Xogholijiet.

Dwar l-eccezzjoni tal-Onorevoli Prim Ministru u Ministru tax-Xogholijiet jinghad li l-artikolu 181B tal-Kapitolu 12 jiddisponi li "Il-Gvern ghandu jkun rappresentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-kap tad-Dipartiment tal-Gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni." Ghalhekk certament il-kawza missa giet istitwita biss kontra d-Direttur tax-Xogholijiet Pubblici [Ara rikors Rikors 196/97 deciz fid-9 ta' Novembru, 1999 fl-ismijiet Mario Spiteri vs Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici, Joseph Grech vs Prim Ministru et 9/12/98, Eugenio Cutajar vs Ministru ghas-Sigurta' Socjali 9/3/99, u Joseph Farrugia vs Ministru tas-Sahha 28/10/99]. l-Onor. Prim Ministru u l-Ministru tax-Xogholijiet ma humiex il-legittimi kontraditturi ghar-rikors odjern fis-sens li l-Prim Ministru ma jidholx fil-kwistjonijiet ta' kuntratti ta' impressement ghaliex dawn jaqghu taht l-amministrazzjoni ta' kuljum tad-dipartiment koncernat. Ghaldaqstant jilliberhom mill-osservanza tal-gudizzju.

Peress li ghalhekk isib l-ilment gustifikat, u peress li ma jistax f'dan il-kaz jordna rimedju kompensattiv, it-Tribunal jirrikmanda li jsir hlas ta' kumpens mid-Direttur tax-Xogholijiet ta' elf u hames mitt lira [LM1500].

Spejjez kontra l-intimat Direttur tax-Xogholijiet.